# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-17 ta' Frar, 2016**

**Rikors Numru 604/2013**

**Raymond *Auto Dealer Limited***
**(C – 9850)**

**vs.**

**Carmelo Magro, Vincenzo Magro, Giuseppe Magro, George Magro, Theresa Sammut u Mary Attard**

**u b'digriet datat is-16 ta' Frar, 2015, in vista tal-mewt ta' Carmelo Magro, awtorizzat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem:**

**Karina Jameson (518284 M), Josephine Magro (296582 M), Victoria Louise Magro Quick (Passaport Malti numru 839130), u Jennifer Rena Magro (112385 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti fuq indikati huma ko-proprjetarji tas-segwenti:

1.1.1. Dar numru 228, Triq l-Imdina, Hal Qormi;

1.1.2. Terran numru 232, Triq l-Imdina, Hal-Qormi;

1.1.3. Terran numru 70, Triq Guze Duca, Hal-Qormi;

1.2. Illi s-socjeta` rikorrenti akkwistat ¼ tal-proprjeta` indikata fil-paragrafu precedenti permezz ta' zewg (2) atti pubblici rispettivament datati l-31 t'Ottubru, u t-2 ta' Dicembru, it-tnejn tal-2008, (ara foll 4 u 14);

1.3. Illi l-intimati akkwistaw l-ishma taghhom fir-rigward *per via successionis*, permezz ta' testmenti rispettivament datati t-3 ta' Marzu u t-8 ta' Mejju, it-tnejn tal-2006, u t-tnejn *in atti* tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel, (ara foll 20 u 25);

1.4. Illi l-istess socjeta` rikorrenti infurmat lill-intimati li riedet ittemm l-istat ta' komproprjeta`, (ara foll 31 u 32);

1.5. Illi l-proprjeta` fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), mhix komodament divizibbli;

1.6. Illi ghalhekk hemm il-htiega ta' bejgh b'licitazzjoni tal-istess proprjeta`;

1.7. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

1.8. Illi ghaldaqstant aderiet din il-qorti biex din:

1.8.1. Tiddikjara li l-proprjeta` mizmuma indivisavament mill-kontendenti odjerni mhix komodament divizibbli fost l-istess kontendenti skont il-ligi;

1.8.2. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` fuq indikata;

1.8.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-12 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-kuntratti esebiti mis-socjeta` rikorrenti huma invalidi *stante* li l-eredita` in dizamina ma gietx likwidata;

2.2. Illi ghalhekk ma tistax tigi ordnata l-licitazzjoni tal-postijiet fuq indikati;

2.3. Illi l-intimati kkonservaw id-dritt taghhom *ai termini* tal-artiklu 912 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.4. Illi ma jidhirx li l-ittra ufficjali datata l-14 ta' Frar, 2012, (ara foll 32), tissodisfa l-artiklu 912 tal-Kap 16 fuq riferit;

2.5. Illi anke jekk kellha tigi ordnata l-licitazzjoni *de quo*, ghandhom jigu rispettati d-drittijiet tal-lokazzjoni ezistenti;

2.6. Illi l-porzjonijiet tal-partijiet jirrispettaw l-intenzjonijiet tat-testaturi involuti;

2.7. Salv risposti ulterjuri;

2.8. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

3. Rat il-verbal taghha datat l-10 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu l-intimati baqghu ma dehrux biex igib l-provi taghhom, (u dan ghal disgha, (9), udjenzi shah), u minghajr l-ebda gustifikazzjoni skont il-ligi, (ara foll 98), tant li anke l-abbli rapprezentanti legali taghhom kienu kostretti jintavolaw nota datata l-11 ta' Gunju, 2015, li permezz taghha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-intimati, (ara foll 93);

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata pprezentata in atti;

6. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi skont is-socjeta` rikorrenti l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

7.1. Illi kienet bieghet karozza lil persuna li kellu sehem mill-wirt in dizamina;

7.2. Illi meta dan ix-xerrej interrompa l-pagamenti minnhu dovuti lis-socjeta` rikorrenti din iddecidiet li tesplora s-sehem tieghu minn wirt lilhu dovut, bil-ghan li tpaci l-ammont lilha minnhu dovut;

7.3. Illi rizultat tal-istess gie konkluz il-kuntratt datat il-31 t'Ottubru, 2008, *in atti* tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, (ara foll 4), li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti xtrat is-sehem tal-wirt hemm indikat;

7.4. Illi sussegwentement, werriet iehor involut fl-istess wirt ikkonkluda kuntratt simili datat it-2 ta' Dicembru, 2008, *in atti* tal-istess Nutar indikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu hu wkoll biegh is-sehem tieghu mill-istess wirt lis-socjeta` rikorrenti;

7.5. Illi l-wirt in dizamina jikkonsisti fil-proprjeta` indikata fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1 u paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

7.6. Illi skont il-perit inkarigat mis-socjeta` rikorrenti l-proprjeta` *de quo* mhix komodament divizibbli, (ara foll 54, 56, 59, 60 u 61);

7.7. Illi ghalkemm l-intimati ghamlu diversi allegazzjonijiet fir-risposta guramentata taghhom, dawn naqqsu li jissosstanzjaw l-istess *nonostante* li kellhom ampja opportunita` li jaghmlu dan, u dan meta kien hemm disgha (9) udjenzi appozitament rizervati ghall-provi tal-intimati, u *nonostante* dan, ghazlu li ma jressqu l-ebda provi fir-rigward;

Ikkunsidrat:

8. Illi in vista tal-premess, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati u tqishom biss bhala semplicement allegazzjonijiet mhux sostanzjati;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi, ghalhekk, in vista tal-premess, tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

9.2. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

9.3. Tiddikjara li l-proprjeta` mizmuma indivisivament mill-kontendenti odjerni mhix komodament divizibbli fost l-istess kontendenti skont il-ligi;

9.4. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-proprjeta` mertu ta' din il-procedura fuq riferita, senjatament:

9.4.1. Dar numru 228, Triq l-Imdina , Hal Qormi;

9.4.2. Terran numru 232, Triq l-Imdina, Hal Qormi;

9.4.3. Terran numru 70, Triq Guze` Duca, Hal Qormi;

9.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**